



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2009/2222(INI)

10.2.2011

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-futur tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali
(2009/2222(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Luís Paulo Alves

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-Artikolu 3, il-paragrafu 3, tat-TUE jistipula li l-iżvilupp tal-UE hu bbażat fuq ekonomija soċjali tas-suq, billi l-Artikolu 14 tat-TFUE u l-protokoll 26 tiegħu jagħrfu li s-servizzi ta' interess ġenerali jiffurmaw parti integrali tal-mudell soċjali Ewropew, u li huwa l-kompitu tal-Parlament u l-Kunsill li jiddefinixxu l-prinċipju u l-kundizzjonijiet tagħhom, mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-awtoritajiet nazżjonali, reġjonali u lokali,
- B. billi s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali (SSiĠ) huma essenzjali fit-twettiq tal-oġġettivi tal-istrateġija Ewropa 2020 u għandhom impatt pożittiv f' termini ta' tkabbir ekonomiku, tal-impjiegi u ta' koeżjoni soċjali u territorjali;
 - 1. Ifakkar li d-diversità tal-mudelli ta' organizzazzjoni tal-SSiĠ bejn id-diversi Stati Membri għandha tiġi rrispettata skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà;
 - 2. Jenfasizza r-rwol deċiżiv tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fl-għoti ta' servizzi soċjali, billi titqies l-opinjoni tagħhom fid-definizzjoni ta' dawn is-servizzi mill-Istati Membri;
 - 3. Jitlob lill-Kummissjoni biex, fi żmien meta ċ-ċittadini jirrikorru dejjem iktar għall-SSiĠ minħabba l-kriża ekonomika serja, fir-rigward tal-Istati Membri li jiddiċentralizzaw is-setgħat favur l-awtoritajiet reġjonali jew lokali, tipprovdilhom ir-riżorsi baġitarji suffiċjenti;
 - 4. Jenfasizza li l-SSiĠ jkunu jinkludu l-attivitajiet li mhumiex ekonomiċi li mhumiex soġġetti, bir-raġun, għar-regoli tas-suq intern;
 - 5. Jitlob b'urġenza li l-Kummissjoni tirreaġixxi għall-assenza ta' regolamentazzjoni relattiva għall-SSiĠ billi toħloq qafas leġiżlattiv u ġuridikament sikur, li hu mixtieq mis-setturi involuti kollha;
 - 6. Jiddefendi l-istabbiliment ta' livelli minimi ta' protezzjoni soċjali madwar l-UE; bl-istess mod jiddefendi l-applikazzjoni ta' qafas Ewropew volontarju ta' kwalità għall-SSiĠ.